# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Marzu 2020**

**Kawza Numru: 27**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 100/2020 JVC**

**Maria Concetta Farrugia**

**vs**

**Louis Lia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat bil-procedura tal-giljottina fejn ir-rikorrenti Maria Concetta Farrugia kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-attrici u zewgha defunt Joseph Farrugia kienu propjetarji tal-fond ta' residenza 29, Triq il-Kuncizzjoni, Cospicua;

2. Illi b'kuntratt datat 28 ta' Mejju 1997 fl-atti tan-Nutar Dr Rosella Sciberras (Dok A), l-attrici u l'illum defunt zewgha

kienu kkoncedew l-imsemmi fond b'titolu ta' subenfitewsi temporanja ghal wiehed u ghoxrin (21) sena dekorribbli mill-14 ta' Mejju 1997 a favur tal-konvenut Louis Lia u Mary Grace Seisun, dak iz-zmien gharusa tal-istess Louis Lia, bil-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt;

3. Illi fis-7 ta' Settembru 2009 miet Joseph Farrugia u skont id-disposizzjonijiet testamentarji tieghu (kif muri fl-att notarili ta' trasmissjoni causa mortis datat 22 ta' April 2010 fl-atti tan-Nutar Dr Annalise Micallef (Dok B), huwa nnomina lill-attrici bhala eredi universali tieghu;

4. Illi meta skadiet is-subenfitewsi temporanja fl-14 ta' Mejju 2018, l-attrici saret taf li l-fond in kwistjoni kien baqa' fil-pussess tal-konvenut Louis Lia mentri martu Mary Grace Lia (gja Seisun) kienet marret tghix band'ohra;

5. Illi wara li sar kuntatt ma Mary Grace Lia, fit-12 ta' Lulju 2019 hija rrilaxxjat dikjarazzjoni li kienet ivvakat mill-fond in kwistjoni f'Jannar 2016 u inoltre ddikjarat li ma fadlilha ebda nteress jew pretensjoni fuq l-imsemmi fond (Dok C);

6. Illi b'ittra legali datata 20 ta' Mejju 2019 (Dok D) il-konvenut gie nterpellat sabiex jizgombra mill-istess fond stante li kien qed jokkupah bla ebda titolu validu fil-ligi. Ghal din l-ittra l-konvenut la rrisponda u lanqas ivvaka mill-fond u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

<u>Raguni tat-Talba</u>

Peress illi l-attrici hija propjetarja tal-fond residenzjali 29, Triq il-Kuncizzjoni, Cospicua;

Peress li b'kuntratt datat 28 ta' Mejju 1997 fl-atti tan-Nutar Dr Rosella Sciberras, l-attrici u l'llum defunt zewgha kienu kkoncedew l-imsemmi fond b'titolu ta' subenfitewsi temporanja ghal wiehed u ghoxrin (21) sena dekorribbli mill-14 ta' Mejju 1997

a favur tal-konvenut Louis Lia u Mary Grace Seisun, dak iz-zmien gharusa tal-istess Louis Lia, bil-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt;

Peress illi fl-14 ta' Mejju 2018 l-imsemmija koncessjoni subenfitewtika skadiet;

Peress illi Mary Grace Lia (gja Seisun) iddikjarat li kienet ivvakat l-imsemmi fond fis-sena 2016;

Peress illi minn naha tal-konvenut, minkejja li gie nterpellat sabiex jivvaka l-istess fond, huwa baqa inadempjenti;

Peress illi l-istess konvenut qieghed jokkupa l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

<u>Talbiet</u>

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) in vista tad-dikjarazzjoni guramentata annessa bhala Dok E;

2. Tiddikjara li l-konvenut qieghed jokkupa l-fond 29 Triq il-Kuncizzjoni Cospicua abuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Tikkundanna l-konvenut sabiex jizgombra mill-istess propjeta fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Mejju 2019 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors guramentat li jevidenzjaw li r-rikorrenti hija s-sid tal-fond 29, Triq il-Kuncizzjoni, Cospicua;

Rat illi fil-verbal tal-lum stess giet registrata ammissjoni mill-intimat Louis Lia ghat-talbiet attrici li izda talab zmien sabiex ikun jista' jsib akkomodazzjoni alternattiva u jirrilaxxa l-fond in kwistjoni;

Rat illi r-rikorrenti ma oggezzjonatx ghal din it-talba;

**Decizjoni**

Il-Qorti in vista tad-dokumentazzjoni kollha esebita fl-atti u in vista tal-ammissjoni ta' l-intimat tqis illi t-talba attrici hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba sabiex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut Louis Lia qieghed jokkupa l-fond 29, Triq il-Kuncizzjoni, Cospicua abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna l-konvenut sabiex jizgombra mill-istess proprjeta' fi zmien perentorju ta' tmien gimghat millum kif qed jigi mpost minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu sopportati mill-intimat;

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Marzu 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Marzu 2020**